**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 160/2017**

**VT ('l-ilmentatur')**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C 2223)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-6 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jghid li s-Sur Wallace Falzon gieghlu jnehhi l-flus li kellu investiti fil-*Vilhena Dynamic Fund* tal-*BOV* li kienu sejrin hazin hafna.

L-ilmentatur jghid li kien digà tilef madwar tlieta u erbat elef Euro u Wallace Falzon kien accertah li hu, bhala *advisor* ta' esperjenza, kien ser jirkuprahomlu zgur u li s-somma li kellu tigi ghal €20,000, u dan Wallace Falzon gieghlu jaghmlu ghall-gwadann tal-ilmentatur stess.

L-ilmentatur izid li Wallace Falzon kien tant zgur li ser jaghmel dan u tah hafna ezempji li dawn l-*SNS bonds* ghaddew minn hafna *tests* u li dawn jghadduhom l-esperti finanzjarji ta' barra. Ghalhekk, l-ilmentatur sema' minnu ghax kien qed jiehu parir minghand espert, '*so I played safe*'. L-ilmentatur jishaq li Wallace Falzon tant kien cert u gablu hafna ezempji pozittivi li hu sema' minnu, però, minn dak li qallu ma sar xejn; anzi kollox zvaluta ghal €0.

Jishaq li hu qatt ma kellu esperjenza fuq dan it-tip ta' investiment u tant accertah il-provditur tas-servizz u ghamilha fatta li l-ilmentatur ser jiehu s-somma li wieghedu, li l-ilmentatur accetta.

Sahansitra qal lill-ilmentatur li ser itellalu s-somma ghal €20,000 u x'hin jigi bzonnhom, l-ilmentatur ma jkollux ghalfejn jaghmel dejn.

L-ilmentatur jghid li meta nehha s-somma mill-*BOV* u mar l-*All Invest Co. Ltd.,* Wallace Falzon, ghamel il-kuntratt u gieghlu jiffirma kollox minghajr ma spjegalu xejn. Jghid li kollox sar f'radda ta' salib.

Jistaqsi kif seta' Wallace Falzon imexxi kollox bil-firma tal-ilmentatur biss minkejja li kellu kont konjugu mal-mara tieghu, u Wallace Falzon qallu li din ma kinitx problema.

L-ilmentatur jghid li ghamel Wallace Falzon kien li '*Qlieni qalja tajba'* u li kien naqsu bil-kbir.

L-ilmentatur jippretendi li jiehu dak li weghdu Wallace Falzon, '*li tant kien cert dwaru, voldieri l-valur kien ta' €13,859*.'

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, il-mertu tal-ilment proprju huwa dikjarat li huwa allegat ta' telf ta' kapital fir-rigward tal-*SNS Subordinated Bond* qed jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentatur u l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investimenti *de quo* peress illi l-esponenti hija biss intermedjarju, u ghaldaqstant ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf ta' investiment li seta' garrab;

2. Illi l-ilmentatur kien konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandu jerfa' r-responsabbiltajiet taghhom *qua* investituri billi jerfghu huma l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

3. Illi fl-ilment tieghu l-ilmentatur jonqos milli jsemmi li hu stess kellu investimenti ohrajn mal-eccepjenti, liema investimenti nghalqu bi profitt. Minflok l-ilmentatur jinfexx jaghmel akkuzi serjissimi u bla fundament u juza kliem dispreggjattiv versu l-persuna ta' Wallace Falzon;

4. Illi hemm kunflitt lampanti, u inkompatibilità bejn l-ilment dwar it-telf effettiv tal-kapital u t-talbiet fl-ilment – l-ilment proprju jirrigwarda t-telf materjali tal-kapital investit fl-*SNS* mentri t-talbiet jirrigwardaw

nuqqasijiet regolatorji li r-rimedju ghalihom mhux necessarjament jinkludi, jew ghandu jinkludi hlas tal-kapital mitluf izda izjed, min-natura ta' dawk l-allegazzjonijiet igorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta – u, ghaldaqstant, it-talbiet tal-ilmentatur m'ghandhomx jintlaqghu;

5. Illi dan ma kienx l-ewwel nvestiment ghall-ilmentatur. Di fatti ma hemmx dubju li l-ilmentatur flimkien ma' martu kienu konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandhom jerfghu ir-responsabbiltajiet taghhom qua investituri billi jerfghu huma l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

6. Illi l-ilmentatur flimkien ma' martu kellhom dik l-*experience* u *knowledge* fit-tip ta' investiment relevanti ghall-prodott jew servizz li inghata. Di fatti, l-esponenti analizzat jekk il-prodott jew servizz kienx *appropriate* u di fatti irrizulta li kien;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nazzjonalizz-azzjoni tal-*SNS NV Bank*, u/jew l-esproprju tal-investiment *de quo* bit-telf li dan gab mieghu ghandu jitqies bhala '*casus*';

8. Illi t-talba kif dedotta hija insostenibbli u, ghaldaqstant,nulla stante li filwaqt li lilment huwa diarezjonat lejn is-socjetà eccepjenti hekk kif indikat fil-Formula tal-ilmentatur, l-ilmentatur qed jitlob li l-flejjes pretizi minnu ghandhom jithallsu minn Wallace Falzon personalment. Fil-fatt, fit-talba tieghu huwa jghid hekk:

   *'Li s-Sur Falzon jaghtini dak li qalli, li tant kien cert dwaru, voldieri l-valur kien ta' 13869 Euro.'*

9. Illi ghal kull buon fini s-socjetà esponenti mhix responsabbli ghal ebda kumpens tal-kapital originali investit ghar-ragunijiet spjegati f'din ir-risposta;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' x-xhieda tal-ilmentatur ghaliex il-provditur tas-servizz ma ressaq l-ebda xhieda.**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-provditur tas-servizz m'huwiex il-legittimu kontradittur u li huwa agixxa biss bhala '*intermedjarju*'.

Dwar jekk il-provditur tas-servizz kienx il-legittimu kontradittur m'hemmx dubju ghaliex jirrizulta kemm mid-dokumenti esebiti kif ukoll mix-xhieda tal-ilmentatur illi hu kellu relazzjoni kuntrattwali mal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, ezistiet relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Ghalhekk il-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

Illi dwar il-parti l-ohra ta' din l-eccezzjoni, li l-provditur kien biss '*intermedjarju*', dan ma jirrizultax ghaliex il-provditur tas-servizz kien qed jaghti servizz bhala principal fis-sens li kien qed jagixxi bhala *Licence Holder* tal-*MFSA* li seta' jaghti pariri ta' investiment u jbiegh prodotti finanzjarji kif fil-fatt ghamel.

Minn imkien ma jirrizulta li l-provditur tas-servizz qal lill-ilmentatur li hu kien qed jagixxi bhala '*intermedjarju*' ghal xi haddiehor, anzi tah x'jifhem li kien qed jagixxi f'ismu kif juru anke l-*letterheads* tal-kumpanija. L-ilment mhuwiex li l-provditur tas-servizz iggestixxa hazin il-prodott, izda li ma qediex dmirijietu bhala *Licence Holder* tal-*MFSA* u gieghlu jinvesti flusu b'mod hazin. Ghalhekk, l-ilmentatur qed jikkwistinja l-kondotta tieghu bhala *service provider* fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u jitolbu li jinzamm responsabbli ghall-agir tieghu.

Ghalhekk kien qed jagixxi ta' principal fil-konfront tal-ilmentatur u ma kienx qed jagixxi ta' intermedjarju u, jekk jinstab li l-agir tieghu ma kienx gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, irid iwiegeb ghal ghemilu.

Ghalhekk din il-parti tal-eccezzjoni qed tigi michuda ukoll.

L-eccezzjonijiet l-ohra ser jigu ttrattati fil-mertu.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid iqis l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

***Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova f'dan il-kaz u ma xehed hadd ghalih. Ghalhekk ghandu biss il-verzjoni tal-ilmentatur.***

L-ilmentatur xehed illi meta ghamel l-investiment fl-*SNS Subordinated Bond* (*SNS*) kellu 48 sena. Avvicina lil Wallace Falzon biex jistaqsih jistax jinvesti x'imkien ghaliex kellu *shares* fil-*Vilhena Dynamic Fund* li ma kinux sejrin tajbin.

Certu Donald Callus, li kien jahdem mal-*All Invest Co. Ltd.* kien ghamillu xi flus fil-*MAN-AHL* u l-istess Callus kien ha l-flus li kellu l-ilmentatur mill-*MSV Life* ghax, skont l-ilmentatur, ma kellux flus x'jinvesti.

L-istess Callus wara qallu biex inehhihom ghax ma kinux sejrin tajjeb u l-ilmentatur sema' minnu u qallu biex ikellem lil Wallace Falzon. Dan qallu biex jittermina l-*Vilhena* u jinvesti l-flus fl-*SNS.* L-ilmentatur investa '*taht l-€14,000'*, però, Wallace Falzon qallu li meta jagalqu fl-2020 kien jiehu €20,000, però, hu investa €13,869.

L-ilmentatur kien ser juza l-flus biex meta jimmaturaw ihallas *loan* li kellu. Ma kellux idea x'inhi *subordinated bond* u qatt ma kellu bhal dan l-investiment.

Huwa kien ghamel skola sal *Form 5*, kien jahdem fuq *boiler,* l-*Enemalta*, u ma kienx jifhem fl-investimenti.

'*Nghid li s-Sur Falzon tani d-dokumenti kollox ittikkjati u qalli biss biex niffirma. Jien nigi li fdajtu. Dam jghidli hafna li kien cert fuq li jien ser niehu l-flus, qalli, "Afda fuq li qed nghidlek," u jien fdajtu.'*

Qallu li ma kienx prodott tac-cajt u li kien sigur u ghadda minn *stress tests* tal-Unjoni Ewropea.

***Analizi tal-SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (*ISIN: XS0552743048*) (*SNS*) inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

[1] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

L-*SNS Reaal* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minhabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussisdjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013 b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' tliet snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies*. Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas. *Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni.**

**Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Il-fatt li *SNS Bank* kien *a systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li akkost ta' kollox l-istat kien ser jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu. Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien ser juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS,* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest Company Ltd.* ghall-ilmentatur. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

***Jekk l-SNS kienx 'suitable' jew 'appropriate' ghall-Ilmentatur u Konsiderazzjonijiet Ohra***

M'hemmx dubju li dan l-investiment sar fuq parir tal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, skont ir-Regoli mahruga mill-*MFSA* u d-Direttiva *MiFID*, kellu jsir *suitability test* tal-ilmentatur biex jigi deciz jekk l-investiment kienx idoneju ghalih.

Imma fil-*File Note* li, kif xehed l-ilmentatur, kienet ittikkjata minn qabel mill-provditur tas-servizz u qallu biss biex jiffirmaha, is-servizz kien *promotion and selling*, jigifieri skont il-provditur tas-servizz ma kienx qed jaghti parir.

L-Arbitru jhoss li f'dawn ic-cirkostanzi kienet irresponsabbiltà kbira min-naha tal-provditur tas-servizz li jipprovdi *subordinated bond* lill-ilmentatur li ma kienx xi bniedem esperjenzat fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u, ghalhekk, la hu logiku u lanqas gust li l-provditur tas-servizz biex jezonera lilu nnifsu jghid li ma tax parir.

Imma, anke jekk dan is-servizz kien wiehed ta' *promotion and selling,* xorta wahda kellu jsir *l-appropriateness test.*

Skont regola 2.21 mahruga mill-*MFSA*, bis-sahha tal-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta u d-Direttiva *MiFID*, kellu jsir dan li gej:

'*When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded'*.

L-ezercizzju li ghamel il-provditur kien biss ittikkjar ta' kaxxi fuq il-*File Note* u dan ma jilhaqx il-vot tal-ligi li riedet li verament il-provditur tas-servizz ried ikun konvint li l-ilmentatur kellu '*the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product'.*

Dan kellu jipprovah il-provditur tas-servizz li ghazel li ma jressaq l-ebda prova f'dan il-kaz. Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova li l-*SNS* kien *'appropriate'* ghall-ilmentatur.

Imma anke kieku l-Arbitru kellu joqghod fuq ix-xhieda tal-ilmentatur, xorta jasal ghall-konkluzjoni li l-*SNS* ma kienx *appropriate* ghalih u li s-servizz li inghata ma kienx gust, ekwu u ragonevoli ghal dawn ir-ragunijiet:

1. Il-livell ta' edukazzjoni tal-ilmentatur kienet wiehed ta' skola sekondarja u l-okkupazzjoni tal-ilmentatur ma kinetx fil-qasam tas-servizzi finanzjarji; u kif xehed l-ilmentatur, il-provditur tas-servizz ma spjegalux x'inhi *subordinated bond* u r-riskji li kienu marbutin maghha.

2. Meta sar l-investiment, il-provditur tas-servizz accerta lill-ilmentatur li kien ser jiehu mhux biss flusu lura izda kien ser jiehu kwazi d-doppju taghhom. Dan il-provditur tas-servizz qatt ma seta' jwieghdu u wieghed dan kollu sabiex ibiegh il-prodott u mhux ghaliex kien fl-interess tal-klijent li jsir l-investiment kif kienet tipprovdi **Regola 2.01 li stabbiliet li l-provditur tas-servizz kellu jagixxi b'mod professjonali u onest u jqis l-ewwel l-interess tal-klijent.**

3. L-ilmentatur kien *retail client* u galadarba ma kienx *professional investor*, kellu jinghata l-protezzjoni kollha biex l-investiment tieghu isir bil-ghaqal u fl-ahjar interess tieghu.

4. L-ilmentatur ma kellux '*the necessary experience and knowledge'* biex jifhem in-natura ta' prodott li kien riskjuz ghaliex f'kaz ta' falliment l-ilmentatur kien jigi minn tal-ahhar nett biex jiehu flusu. Dan ma giex spjegat lill-ilmentatur ghax kif xehed hu stess, ma spjegalux xi jfisser *subordinated bond*.

5. Mill-analizi tal-*SNS* aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, jirrizulta li l-*SNS Bank* kien ilu bil-problemi u l-fatt li kien qed ikun sostnut mill-Gvern Olandiz, kellu jiftah ghajnejn min jiddeciedi li jinvesti fih ghaliex l-ghajnuna tal-Gvern Olandiz kienet inghatat proprju ghaliex il-bank kellu l-problemi. Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma kellux jinvesti fih flus klijenti zghar bhall-ilmentatur.

6. Dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni li mhux biss li l-provditur tas-servizz ma kienx agixxa fl-ahjar interess tal-klijent tieghu, talli ghollielu l-aspettattivi li kien ser jiehu ferm aktar milli investa. Ghalhekk zgur li l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur ma ntlahqux.[2]

7. Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz naqas li josserva l-obbligi kuntrattwali li dahal ghalihom meta wieghed lill-ilmentatur prodott li kien jassiguralu flusu meta fil-fatt ma kienx il-kaz.

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni**

**L-ilmentatur qed jitlob l-ammont li fil-fatt investa ta' €13, 869.[3]**

**L-Arbitru m'ghandu l-ebda prova li l-ilmentatur irkupra xi haga minn din is-somma jew li kellu xi dhul fuqha.**

**Ghalhekk it-telf kapitali li garrab l-ilmentatur kienet din is-somma investita.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *All Invest Co. Ltd*. thallas lill-ilmentatur is-somma ta' tlettax-il elf , tmien mija u disgha u sittin ewro (€13, 869).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez tal-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[2] Kap. 555, Art. 19(3)(c)
[3] *A fol.* 4 u 14